# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1488/00mm**

**Carrac Limited**

**vs**

**Graham Henderson**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' l-ammonti kollha dovuti mill-konvenut, rapprezentanti l-hsarat u nuqqasijiet kollha kkagunati volontarjament jew involontarjament mill-konvenut fil-fond propjeta' tas-socjeta' attrici; it-telf ta' qligh konsegwenzjali soffert mill-istess socjeta' attrici; u il-konsum ta' l-ilma, eletriku, telefon u servizzi ohra da parti

tal-konvenut fl-istess fond, fil-perijodu bejn il-11 ta' April, 2000, u il-11 ta' Settembru, 2000, liema ammonti jammontaw sal-prezentata ta' l-Avviz ghas-somma komplessiva ta' hames mija u disgha u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm599.42), jew somma ohra verjuri li l-Qorti tista' tillikwida, u li baqghu ma thallsux minkejja diversi nterpellazzjonijiet maghmula lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat Kawtelatorju ta' Qbid Numru 2814/2/00, tal-Mandat Kawtelatorju ta' Sekwestru Numru 2822/00, u interess legali mid-data tan-notifika ta' l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' April, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg